Tiddeċidi billi fileaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* u tilqa' dawk tal-kjamati fil-kawża, **tilqa'** t-talba attriċi kif dedotta u għall-ammont mitlub kontra l-konvenut *nomine* u tikkundannah iħallas dana l-ammont kompriżi interessi kif mitlub sa l-effettiv ħlas; u tillibera wkoll mill-osservanza tal-ġudizzju lill-kjamati in kawża. Il-kap ta' l-ispejjeż jitħallas interament mill-konvenut *nomine*.

---

**2 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Edmond Barbara

*versus*

Victor Vella

**Rappresentanza – Negozju fi Kwalità Personali jew Rappresentattiva**

*Huwa prinċipju stabbilit illi, fin-nuqqas ta' provi ċari li juru l-kuntrarju, min jikkontratta jitqies li kkontratta f'ismu stess: il-mandat ma jistax jiġi preżunt; anzi fin-nuqqas ta' provi ċari l-mandat għandu jiġi eskluż.*

*Għalhekk min ma jkunx qiegħed jikkontratta f'ismu iżda f'isem ħaddieħor għandu l-obbligu li juri dan lill-parti l-oħra u jgħid ukoll f'isem min qiegħed jidher.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremmetta li l-konvenut xtara *grand piano* ta' kulur iswed mingħand l-attur versu l-prezz ta' Lm1830 liema *piano* ġie riservat għall-konvenut minn konsenja li allura kien ser jirċievi l-attur mill-Koreja;

Peress illi ftit wara l-konvenut ħassar il-bejgħ u għalhekk l-attur sofra ħsara u danni u dan kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, liema danni jikkonsisti fit-telf ta' qliegħ fl-ammont ta' Lm366;

Peress illi l-konvenut mitlub biex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni baqa' inadempjenti, l-istess attur talab li, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti fuq imsemmija, din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma ta' Lm366 għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra bonarja tat-3 ta' Diċembru 1991 u bl-imgħaxijiet mid-data tal-prerżentata taċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. ...*Omissis*...;

2. Illi, in linea preliminari l-konvenut ma għandu ebda

relazzjoni ġuridika ma' l-attur *stante* li hu personalment qatt ma xtara u lanqas qatt ma nnegozja ma' l-attur dwar il-*grand piano* in kwistjoni;

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost qatt* ma kien hemm xiri tal-*piano* in kwistjoni iżda biss diskussjonijiet dwar possibbilità ta' xiri;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Eżaminat il-provi li ressqu l-kontendenti dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u senjatament is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Ġunju 1992 li biha ċaħdet ...*omissis*... l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Semgħet lid-Difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qiegħed ifittex lill-konvenut għal telf ta' qliegħ ammontanti għas-somma ta' Lm366 li sofra meta l-konvenut ħassar il-bejgħ ta' *grand piano*;

Jirriżulta li l-konvenut ried jixtri dan il-*piano* biex jistallah fid-*Diplomat Hotel*. Mill-atteġġjament tal-konvenut, l-attur fehem li *l-*konvenut kien proprjetarju ta' *din il-lukanda. Mix*-xiehda tal-konvenut, li ma ġietx kontradetta, jirriżulta li hu direttur u *major shareholder* ta' diversi soċjetajiet kummerċjali fosthom dik li hi proprjetarja tad-*Diplomat Hotel* ċjoè *Stones Properties Limited;*

Illi bl-ewwel eċċezzjoni l-konvenut qiegħed jirritjeni li ma għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *stante* li hu personalment qatt ma xtara u lanqas qatt ma nnegozja ma' l-attur dwar il-*grand piano* in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut in sostenn ta' din l-eċċezzjoni argumenta illi la darba n-negozju in kwistjoni sar fid-*Diplomat Hotel* stess u billi l-konvenut qal lill-attur li l-*grand piano* riedu biex jintuża f'dik il-lukanda, allura l-attur kellu obbligu li jara min kien il-proprjetarju tad-*Diplomat Hotel* u l-azzjoni tiegħu jintavolaha kontra dan il-proprjetarju ċjoè s-soċjetà *Stones Properties Limited*. Però din il-Qorti jidhrilha bir-rispett li dan hu argument fallaċi. L-attur ma kellu ebda obbligu li jagħmel riċerka bħal din apparti d-diffikultajiet kbar li seta' jirriskontra kieku kellu jinbarka fuq riċerka simili. Minflok, kien kompitu tal-konvenut li jekk ma kienx qiegħed jikkontratta f'ismu proprju juri ċar u tond lill-attur b'dan u jindikalu l-persuna ġuridika li għan-nom tagħha qiegħed jaġixxi. Il-konvenut ma għamilx hekk u baqa' ma svelax il-posizzjoni lanqas meta l-attur kitiblu l-ittra ddatata 23 ta' Novembru 1991;

Illi l-provi juru li l-konvenut qatt ma indika lill-attur li hu kien qiegħed jaġixxi għan-nom u in rappresentanza ta' *Stones Properties Limited;*

L-attur ma kienx jaf li din is-soċjetà kienet teżisti u kienet proprjetarja tad-*Diplomat Hotel*. Intant irriżulta li l-istess *assistant general manager* ta' din il-lukanda lanqas kien jaf jekk din is-soċjetà kinitx proprjetarja jew sempliċi kerrerja jew operatriċi ta' l-istess lukanda;

Illi hu prinċipju stabbilit illi fin-nuqqas ta' provi ċari li juru l-kuntrarju, min jikkontratta hu preżunt li kkontratta f'ismu stess. Il-mandat ma jistax jiġi preżunt anzi skond l-insenjament ta' *Troplong* fin-nuqqas ta' provi ċari l-mandat għandu jiġi eskluż (ara Vol. XLII.II.203). Konsegwentement it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut ma tistax tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat:

Illi bit-tielet eċċezzjoni l-konvenut qiegħed jirritjeni li qatt ma kien hemm kuntratt ta' xiri ta' *piano* iżda saru biss diskussjonijiet dwar possibbilità ta' xiri;

Illi l-attur għall-kuntrarju qiegħed isostni li l-kuntratt bejniethom dwar il-bejgħ-xiri tal-*piano* in kwistjoni kien ġie pperfezzjonat. Huwa jippretendi li l-konvenut ħassar il-ftehim konkjuż bejniethom u għalhekk l-attur qiegħed jippretendi f'din il-kawża li l-konvenut jikkompensah għat-telf ta' qliegħ li sofra meta l-konvenut sfratta lin-negozju;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 jistabbilixxi r-regola li l-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet appena jsir ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz u dana anke meta il-ħaġa ma tkunx għadha ġiet ikkonsenjata u lanqas ma jkun tħallas il-prezz. F'dana l-każ billi *si tratta* ta' trasferiment ta' oġġett mobbli ma kienx hemm bżonn li l-ftehim isir bil-miktub. Però l-konvenut invoka l-artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jiddisponi hekk:

"Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitnizzel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-

validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità;

Issa fil-każ odjern jidher ipprovat li l-partijiet ftiehmu **bil-fomm** fuq **l-oġġett** tal-bejgħ – *piano Hyundai Model G 80A ebony polish* – fuq il-**prezz** (Lm1830 *duty free* pagabbli b'depożitu u *installments* matul sena u nofs jew sentejn) u ftiehmu li l-*piano* jiġi kkonsenjat wara xi tliet xhur u li sa kemm jasal il-*piano* minn barra l-attur jislef *piano* ieħor lill-konvenut, liema *piano* fil-fatt ġie kkonsenjat;

Irriżulta li l-konvenut ma riedx ikompli b'dan il-ftehim billi dak inhar stess jew ftit wara l-konvenut xtara *piano* ta' marka oħra li kien disponibbli *ex stock;*

Fi kliem il-konvenut stess, huwa sejjaħ lill-*assistant general manager* tad-*Diplomat Hotel* u qallu:

"Isma' ċempel lis-Sur Barbara (ċjoè lill-attur) u għidlu li l-pjanisti ssuġġerewlna li nixtru *Yamaha;* ara x'għandna ntuk tat-trasport u għidlu, "*thank you* u *sorry* u that's it";

Illi d-difensur tal-konvenut irrifera għax-xiehda ta' l-attur stess fejn dan stqarr li l-konvenut qallu "il-karti niffirmawhom wara" u rrifera għad-dokumenti esebiti mill-attur a fol. 36, 37 u 40 tal-proċess. L-istess difensur argumenta li la darba dawk id-dokumenti ma ġewx iffirmati mill-konvenut meta kien hemm ftehim li l-istess dokumenti jiġu hekk iffirmati sar japplika l-imsemmi artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Billi għalhekk kien preżunt li l-partijiet riedu jassoġġettaw il-validità tal-ftehim għat-tħaris tal-formalità tal-kitba, la darba l-kuntratti ma ġewx iffirmati mill-konvenut isegwi li l-bejgħ ma ġiex iffinalizzat;

Illi l-Qorti ħasbet ħafna fuq din il-kwistjoni u tinklina li taċċetta dan l-argument tal-konvenut: jidher li l-forma skritta insista għaliha l-aktar l-attur stess u jidher ukoll li fl-iskritturi hemm klawsoli importanti li tħallew vojta – per eżempju l-ammont tad-depożitu u l-ammont tar-rati u oħrajn li fuqhom ma rriżulta li l-partijiet kienu laħqu ftehim (per eżempju li *"Goods remain the property of Edmund Barbara until fully paid").* F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tinklina li taċċetta li l-ftehim ma ġiex għal kollox perfezzjonat u għalhekk il-konvenut seta' legalment jirtira minnu la darba l-ftehim ma ġiex redatt bil-kitba kif il-partijiet urew il-ħsieb li jagħmlu. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut hemm lok li tintlaqa'. Però fiċ-ċirkostanzi jidher ġust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u prevja li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tiegħu, tiċaħd it-talba ta' l-attur u tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.